

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Gwida dwar il-moviment liberu tal-professjonisti fil-kura medika u l-armonizzazzjoni minima tat-taħriġ fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza tal-COVID-19 — rakkomandazzjonijiet rigward id-Direttiva 2005/36/KE

(2020/C 156/01)

Il-kriżi tal-COVID-19 titlob miżuri immedjati u eċċezzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika. L-Istati Membri qed jitħabtu biex jipprovdu biżżejjed persunal mediku biex jiġġieldu l-kriżi filwaqt li jkomplu jagħmlu d-dijanosi, u jitrattaw il-pazjenti u jieħdu ħsiebhom. Il-qagħda fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u fl-istituzzjonijiet ta' taħriġ jista' jkollha impatt fuq il-possibbiltà li jiġi pprovdut taħriġ sħiħ lill-professjonijiet fil-kura medika, b'mod partikolari t-taħriġ Prattiku.

Filwaqt li reazzjoni rapida għall-kriżi hija ta' importanza kbira, wieħed għandu jżomm f'moħħu l-effetti li kwalunkwe miżura ta' emerġenza jista' jkollha, fuq perjodu ta' żmien medju jew fit-tul, u li l-impatti negattivi tagħha jittaffew kemm jista' jkun billi nkunu inġenjużi u flessibbli. Il-Kummissjoni tixtieq tappoġġa lill-Istati Membri billi tipprovdi assistenza u informazzjoni, u b'mod partikolari billi tenfasizza ċerti aspetti tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ li huma importanti meta jitqies kif jistgħu jitnaqqsu l-konsegwenzi tal-impatt tal-kriżi fuq il-professjonisti fil-kura medika. Dan jinkludi l-impatti fuq ir-rekwiżiti ta' taħriġ armonizzat u s-salvagwardja tad-drittijiet sħaħ tal-professjonisti fil-kura medika, inkluż ir-rikonoxximent iffaċilitat tal-kwalifiki għall-moviment transkonfinali u l-iżgurar ta' livell għoli ta' saħħa u sikurezza għall-pazjenti.

L-għan ta' din il-gwida hu li tiżgura kemm jista' jkun il-moviment liberu tal-professionist fil-kura medika, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi straordinarji li qegħdin iħabbtu wiċċhom bħalissa. Din il-gwida tikkomplimenta l-informazzjoni pprovduta fil-Komunikazzjoni dwar l-assistenza ta' emerġenza tal-UE fil-koooperazzjoni transkonfinali fil-kura tas-saħħa relatata mal-kriżi tal-COVID-19 ⁽²⁾ u fil-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE, dwar il-faċilitazzjoni tal-arranġamenti ta' tranżitu għar-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tal-UE, u dwar l-effetti fuq il-politika dwar il-viżi ⁽³⁾.

Il-Kummissjoni tixtieq tassigura lill-Istati Membri li se tkun disponibbli li tiddiskuti, ma' kull wieħed u waħda minnhom, il-problemi partikolari li ltaqgħu magħhom matul il-kriżi u li se tindirizzahom, jekk ikun xieraq u meħtieġ, b'mod adegwat, bl-użu tal-mezzi amministrattivi u leġislattivi kollha għad-dispożizzjoni tagħha.

Id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar ir-rikonoxximent transkonfinali ta' kwalifiki professjonali. Għal ċerti professjonijiet settorjali bħall-infermiera ta' kura ġenerali, id-dentisti (inklużi l-ispeċjalisti), it-tobba (inkluża firxa ta' speċjalisti) u l-ispiżjara, id-Direttiva tistabbilixxi wkoll rekwiżiti minimi ta' taħriġ fil-livell tal-UE. Skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri ospitanti għandhom jirrikonoxxu awtomatikament il-kwalifiki mogħtija meta jintemm dan it-taħriġ, elenkat fl-Anness V tad-Direttiva. Il-kwalifiki tal-professionisti l-oħra fil-kura medika, bħall-infermiera speċjalizzati li għalihom ma

⁽¹⁾ ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

⁽²⁾ ĠU C 111I, 3.4.2020, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 102I, 30.3.2020, p. 3.

jeżistux rekwiżiti minimi ta' taħriġ fil-livell tal-UE, mhumiex soġġetti għal rikonoxximent awtomatiku. L-Istati Membri ospitanti jistgħu (iżda mhumiex obbligati) jivverifikaw il-kwalifiki ta' dawk il-professjonisti u jistgħu jimponu miżuri ta' kumpens fejn xieraq.

Jenħtieġ li l-punti li ġejjin jiggwidaw lill-Istati Membri meta jikkunsidraw il-miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas immedjat tal-persunal jew il-miżuri għat-taħriġ tal-professjonisti tal-ġejjieni fil-kura medika.

1. Rikonoxximent u permess għax-xogħol għall-professjonisti fil-kura medika f'sitwazzjonijiet transkonfinali

- a. Id-Direttiva tippovdi lill-professjonisti li jitolbu għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom f'pajjiż ieħor tal-UE bi drittijiet li jiżguraw li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jivvalutaw it-talbiet tagħhom kif xieraq u fi ħdan ċerti salvagwardji proċedurali u f'ċerti skadenzi. Dawn ir-regoli jistabbilixxu l-massimu li jista' jkun meħtieġ mill-professjonisti fil-kura medika. Ma jobbligawx lill-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet fir-rigward tal-proċeduri ta' rikonoxximent. Għaldaqstant:

Id-Direttiva ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jieħdu approċċ aktar liberali għal kif jittrattaw lill-professjonisti fil-kura medika li jkunu deħlin, kemm biex jipprovdu servizzi temporanjament kif ukoll biex jistabbilixxu ruħhom, pereżempju billi jneħħu r-rekwiżit għal dikjarazzjoni minn qabel u kontroll minn qabel tal-kwalifiki jew billi japplikaw skadenzi iqsar għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, billi jitolbu inqas dokumenti mis-soltu, ma jitolbux għal traduzzjonijiet iċċertifikati jew ma jinsistux fuq miżura ta' kumpens meta l-Istat Membru ospitanti jqis li ma hemm l-ebda riskju kbir għas-sikurezza tal-pazjent. Jenħtieġ li l-miżuri fis-seħħ jkunu ta' natura nondiskriminatorja.

It-taħriġ ta' ċerti professjonijiet fil-kura medika, bħat-tobba b'taħriġ mediku bażiku, għadd ta' speċjalizzazzjonijiet mediċi bħall-mediċina respiratorja jew l-anestesija, u l-infermiera tal-kura ġenerali, jissejjes fuq armonizzazzjoni minima skont id-Direttiva.

Għall-iskop tal-forniment temporanju u okkażjonali ta' servizzi, meta dawn il-professjonisti fil-kura medika jiċċaqilqu temporanjament fi Stat Membru ieħor biex isaħħu l-forza tax-xogħol għal perjodu limitat, tista' tintalbilhom biss dikjarazzjoni sempliċi minn qabel, mingħajr ma jkun hemm b'żonn li wieħed jistenna deċiżjoni mill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti. Tali obbligi ta' dikjarazzjoni jistgħu jitwarrbu b'mod unilaterali mill-Istat Membru ospitanti, jew b'mod ġenerali jew għal perjodi, attivitajiet jew setturi partikolari.

Għall-professjonijiet l-oħra fil-kura medika, l-Istati Membri jistgħu jimponu kontroll minn qabel tal-kwalifiki tal-professjonisti li l-attivitajiet tagħhom għandhom implikazzjonijiet fuq is-saħħa u fuq is-sigurtà. Dan jista' jkun il-każ għall-infermiera speċjalizzata (b'paragaun mal-infermiera ta' kura ġenerali), għal ċerti tobba speċjalisti, pereżempju jekk l-Istat Membru riċeventi għandu speċjalità regolata li ma teżistix fl-Istat Membru li jibgħat, jew għall-professjonisti paramediċi bħall-fiżjoterapisti.

Il-kontrolli minn qabel mhumiex obligatorji skont id-Direttiva u l-Istati Membri jistgħu jħaffu, inaqqsu jew ineħħu tali verifiki minn qabel.

- b. Id-Direttiva ma tapplikax għall-applikanti li għadhom mhumiex ikkwalifikati bis-sħiħ fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom. Dan ma jżommx lill-Istat Membru ospitanti milli jagħti d-dritt lil dawn il-professjonisti fil-kura tas-saħħa li jipprovdu servizzi limitati tas-saħħa fit-territorju tiegħu jew li jiġu impjegati skont il-liġi nazzjonali tiegħu, inkluż permezz ta' proċeduri speċifiċi li ġew stabbiliti biex jirreaġixxi għall-kriżi.

2. Gradwazzjoni bikrija għall-professjonijiet settorjali fil-kura medika jew adattamenti temporanji tal-kurrikuli minħabba l-kriżi

Xi Stati Membri jista' jkun li qed jikkunsidraw gradwazzjoni bikrija għall-istudenti fi stadju avanzat ta' taħriġ biex ikun hemm persunal mediku disponibbli jew minħabba li l-aħħar xhur ta' taħriġ ma jistgħux jitlestew minħabba l-kriżi (istituzzjonijiet ta' taħriġ magħluqa, nuqqas ta' kapaċità li jiġi pprovdut taħriġ prattiku strutturat fl-isptarijiet, eċċ.) Kwalunkwe kunsiderazzjoni bħal din teħtieġ li tqis il-fatt li l-professjonijiet settorjali fil-kura medika huma soġġetti għal rekwiżiti minimi ta' taħriġ fil-livell tal-UE.

- a. Jekk ir-reqwiziti minimi stabbiliti fid-Direttiva jiġu ssodisfati, il-gradwazzjoni bikrija għall-professjonijiet settorjali jew it-tqassir tat-taħriġ jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u huwa konformi mad-Direttiva. Il-kwalifiki elenkati fl-Anness V jistgħu jingħataw lill-professjonisti inkwistjoni u dawn ikollhom kull dritt għar-rikonoxximent awtomatiku fil-ġejjieni. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, f'pajjiżi fejn it-taħriġ imur lil hinn mir-reqwiziti minimi meħtieġa mid-Direttiva.
- b. Jekk ir-reqwiziti minimi stabbiliti fid-Direttiva ma jiġux ssodisfati, jeħtieġ li tintalab deroga mill-Artikolu 21(6) tad-Direttiva biex l-istudenti li jiġgradwaw fl-2020 ikunu jistgħu jiksbu id-diploma elenkata fl-Anness V, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali marbuta mal-COVID-19.

L-Artikolu 61 tad-Direttiva jipprovdi l-possibbiltà li tkun permessa deroga mid-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva għal perjodu limitat permezz tal-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni jekk Stat Membru jiltaqa' ma' diffikultajiet kbar biex japplika dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva. L-att ta' implimentazzjoni jista' jkun jew Deċiżjoni jew Regolament.

Il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut ta' kwalunkwe deroga jiddependu fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' Stat Membru partikolari. Il-ħtieġa għal deroga jkollha tiġi ddeterminata abbażi ta' informazzjoni ċara u konkreta mill-Istati Membri kkonċernati dwar liema regoli ma jkunux jistgħu jsegwu minħabba iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u jekk dan ikunx japplika għall-gradwati kollha jew biss għal daww individwali jew għal istituti speċifiċi, reġjuni, eċċ. Barra minn hekk, l-Istat Membru jkollu jispeċifika l-mezzi li bihom il-gradwati jkun jistgħu jlestu l-partijiet neqsin tar-reqwiziti minimi ta' taħriġ u f'liema tul ta' żmien.

Id-deroga, jekk titqies xierqa, tkun tinsab f'att ta' implimentazzjoni u tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi msemmija fir-reqwiziti minimi ta' taħriġ jinkisbu, għalkemm parzjalment wara li tkun inħarġet id-diploma. It-tlestija tat-taħriġ f'konformità mad-Direttiva jista' jinkiseb b'modi differenti, pereżempju b'esperjenza professjonali miksuba matul il-qagħda ta' emerġenza jew wara, b'aktar taħriġ speċjalizzat jew bi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu. Għalhekk ma jkunx meħtieġ li jerġgħu lura għall-programm ta' taħriġ inizjali jew li l-gradwati tal-2020 jiġu integrati fil-programm tas-sena ta' wara ladarba l-emerġenza tispiċċa.

Id-diplomi li jinħarġu abbażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'deroga ma jkunux eliġibbli għal rikonnoxximent awtomatiku mill-Istat Membru ospitanti sakemm jiġu ssodisfati r-reqwiziti minimi ta' taħriġ. Il-Kummissjoni tqis li tali diplomi jistgħu jiġu identifikati permezz ta' suppliment għad-diploma, bid-dettalji tal-partijiet tar-reqwiziti minimi ta' taħriġ li jonqsu. Dan jippermetti l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas u jħaffef il-proċess ta' rikonnoxximent għall-gradwati li jixtiequ jieħdu vantaġġ mid-dritt tal-moviment liberu qabel ma jkun lestew il-partijiet neqsin mit-taħriġ tagħhom. L-informazzjoni fis-suppliment għad-diploma tgħin lill-Istat Membru ospitanti biex jiddeċiedi dwar ir-rikonoxximent u l-applikazzjoni ta' miżuri ta' kumpens possibbli, b'għarfien sħiħ tal-kuntest u tar-raġunijiet eċċezzjonali għan-nuqqas ta' konformità mar-reqwiziti minimi.

Jeħtieġ li tiġi vvalutata l-possibbiltà li jiġu previsti derogi mir-reqwiziti minimi armonizzati ta' taħriġ skont l-Artikolu 61, fuq il-bażi ta' informazzjoni ċara u konkreta dwar id-diffikultajiet speċifiċi li l-Istati Membri speċifiċi jiltaqgħu magħhom.

L-Istati Membri kkonċernati huma responsabbli biex jipprovdu possibiltajiet għall-gradwati permezz ta' taħriġ imqassar biex jikkompensaw għall-partijiet neqsin mit-taħriġ regolari. Tali miżuri jistgħu, pereżempju, jqisu l-esperjenza professjonali miksuba matul l-emerġenza jew wara, fuq bażi ta' każ b'każ.

3. Rikonnoxximent tal-professjonisti fil-kura medika bi kwalifiki minn barra l-UE/l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA)

Ir-rikonoxximent tal-professjonisti fil-kura medika b'diplomi miksuba minn barra l-UE/l-EFTA jingħataw skont il-proċeduri nazzjonali fl-Istati Membri. Madankollu, għall-professjonijiet fil-kura medika fejn ir-reqwiziti minimi ta' taħriġ jiġu armonizzati fil-livell tal-UE, inklużi t-tobba u l-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, ir-reqwiziti minimi ta' taħriġ tal-UE għandhom jitħarsu (l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva). Jekk il-professjonisti jkollhom kwalifika minn pajjiż terz/mill-EFTA f'wieħed minn daww il-professjonijiet li ma jissodisfawx ir-reqwiziti armonizzati, l-Istat

Membru li jkun beħsiebu jirrikonoxxi tali diploma jrid japplika miżuri ta' kumpens. Inkella, dawn il-professjonisti jistgħu jitħallew jaħdmu fil-kura tas-saħħa, iżda mingħajr ma jitqiesu bħala membru tal-professjoni li għaliha ma jilhqax l-istandards ta' kwalifiki stipulati fid-Direttiva.

Pereżempju, infermier kwalifikat minn pajjiż terz li t-taħriġ tiegħu ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi ta' armonizzazzjoni jista' jitħalla jaħdem bħala assistent tal-kura tas-saħħa li jwettaq inkarigi limitati kif speċifikat għal attivitajiet bħal dawn fil-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jimpjegaw professjonisti fil-kura medika b'diplomi minn pajjiżi terzi jew billi jiżguraw li l-kwalifiki professjonali tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ fil-livell tal-UE jew billi jagħtuhom status differenti minn dak ta' membru sħiħ ta' wieħed mill-professjonijiet li għalihom ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ huma armonizzati fl-UE.

Kuntatt: grow-regulated-professions@ec.europa.eu
